**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 2 ta' Awissu 2001.**

**Il-Pulizija**
**Spettur A. P. Miruzzi**

**Vs**

**Saviour Cachia.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Saviour Cachia ta' 19-il-sena imwieled Pieta' fil-31 ta Mejju 1981 bin Saviour u Censina xebba Schembri u joqghod Flat 3, Triq il-Madonna tal-Grazzja, Cospicua u detentur tal-karta tal-identita' numru 271481 (M);

Talli fil-5 ta' Mejju 2000, ghall-habta ta' nofs in-nhar fill-Hamrun kif ukoll f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer seraq karozza Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni DAL 998 li tiswa aktar minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-detriment ta' Tancred Borg, liema serq hu aggravat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa. Dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 271, 279(b) tal-kap 9 Kodici Kriminali Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jigifieri karozza Daihastsu bin-numru tar'registrazzjoni DAL 998 jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew

xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 Kodici Kriminali.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura b’numru ta’ registrazzjoni DAL 998 fi triq jew post pubbliku meta ma’ kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Dan bi ksur tal-Artikolu 15A tal-kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat fl-Att VI tal-1998.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura DAL 998 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz. Dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 Regolamenti tat-Traffiku.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minhabba vettura bil-mutur fi triq, gara incident lil xi persuna, vettura, ziemel jew frat, bhala id-driver tal-vettura Daihatsu b’numru tar-registrazzjoni DAL 998 naqas li jieqaf u meta mitluba minn xi persuna, jaghti ismu u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid u l-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura bil-mutur. Dan bi ksur tal-Artikolu 67 Taqsima IV tal-Avviz Legali 128 tal-1994.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bil-mutur minghajr licenzja mahruga minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 Regolamenti tat-Traffiku kif ukoll tal-Artikolu 50(1) tal-Avviz Legali 128 ta’ l-1994.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza jew gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma’ kienx issehh polza ta’ sigurta’ jew garanzija dwar ir-riskji ta’ terzi persuni skond il-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur ghar-Riski ta’ Terzi Persuni. Dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-kap 104 tal-ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara

jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor jigifieri vettura Daihatsu b'numru ta' registrazzjoni DAL 998 ghad-detriment ta' Tancred Borg kif ukoll vettura ohra Honda Civic b'numru ta' registrazzjoni IZZ 088 ghad-detriment ta' Allan Clews.  Dan bi ksur tal-Artikolu 328 (d) tal-kap 9 Kodici Kriminali.

Aktar minn hekk akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati  (Malta) Magistrat Dottor Carol M. Peralta datata 20 ta' Marzu 2000.

Aktar minn hemm akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati  (Malta) Magistrat Dottoressa Aigail Lofaro datata 22 ta' Marzu, 2000.

Wara illi rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279(b), 334 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat fl-Att VI tal-1998,l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 Regolamenti tat-Traffiku, l-Artikolu 67 Taqsima IV tal-Avviz Legali 128 tal-1994, l-Artikolu 50 (1) tal-Avviz Legali 128 tal-1994, l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 Kodici Kriminali, l-Artikoli 5, 9 tal-Kap 152 u l-Artikolu 15H tal-kapitolu 65;

U wara li semghet il-provi, rat id-dokumenti ezebiti u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Saviour Cachia hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija, li minnhom ghandhu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel that arrest, b'suggeriment lid-Direttur tal-Habs,

sabiex minnufih jibghat lill-imputat is-SATU sabiex jaghmel programm stante l-bzonn tal-istess imputat.  Din il-Qorti qed tordna komunika ta' dan lid-Direttur tal-Habs kif ukoll lil Dr. Zammit Montebello.

Il-Qorti qeghda wkoll tahtar lill-Probation Officer Ms. Carmen Nygaard sabiex issegwi l-programm tal-imputat matul il-perjodu ta' habs u/jew SATU, a tenur tal-artikolu 5.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.